## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 579/2020 MS*

**Martin Curmi u martu Susan Curmi**

**Vs.**

**C & F Building Contractors Limited**

Illum, 28 ta' Frar, 2025

Kawża Numru: 2

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fil-15 ta' Lulju 2020, li permezz tiegħu wara li huma qabel xejn ippremettew dan li ġej:

> Illi l-atturi jaghmlu referenza ghall-mandati vessatorji li saru kontra taghhom b'mod li sahansitra tilfu d-dar u tkisser kull nrgozju u attivita kummercjali li kellhom kif ukoll minhabba l-inkwiet personali li nqala giet affettwata irrimedjabilment anke is-sahha ta' Martin Curmi u dan

minhabba stroke dovuta ghall-inkwiet u stress li gie kkagunat;

Illi l-konvenuti zammu fis-sehh l-istess att kawtelatorju tas-sentenza fil- kawza 795/2009 li giet deciza fil-4 ta' April 2019 li barra li rrizulta li l- konvenuti ma kellu ebda responsabilita, l-anqas thajru jaghmlu appell kontra l-istess konvenuti;

Illi l-effett hziena tal-azzjonijiet taghhom tibqa serja wkoll għal fuq it-tfal tal- istess Martin Cirmi peress li kienu jiddependu ghal edukazzjoni taghhom minn fuq il-genituri u dan ma setghux jaghmluh minhabba nuqqas ta; finanzi.

Illi minhabba s-sekwestru 124/2009 l-atturi soffrew id-danni hawn imsemmija;

Illi tant il-mandat kien vessatorju u inutili u l-konvenuti kienu jafu b'dan, u allura hemm responsabilita mal-kumpens tal-mandat vessatorju. Mar- risposta guramentata Martin Curmi fil-kawza 795/2009, kien diga ghamilha cara li ma kellu ebda relazzjoni guridika mal-kumpanija konvenuta;

komplew billi talbu lil din il-Qorti, magħmula l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-kumpanija konvenuta responsabbli tad-danni kkagunati lill- attur, minhabba mandati vessatorju, kif ukoll danni konsegwenzajli tal- istess mandati;

2. Tillikwida l-istess danni

3. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta li thallas d-danni li jigu likwidati

Bl-ispejjes kontra l-kumpanija konvenuta inkluz tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Ottubru 2019 u l-ingunzjoni għas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta fis-27 t'Awwissu 2020[1], li permezz tagħha ġie eċċepit hekk:

    1. Preliminarjament, kwalsiasi talba ghad-danni hija manifestament preskritta bid-dekors ta' sentejn ai termini tal-Art 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Fol.8.

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa nieqes l-interess guridiku ta' Susan Curmi fil-konfront tas-socjeta' konvenuta u f'kull kaz ma tezisti assolutament l-ebda relazzjoni guridika bejn Susan Curmi u s-socjeta' konvenuta stante li din tal-ahhar qatt ma talbet il-hrug ta' ebda mandat kawtelatorju fil-konfront tal-imsemmija Susan Curmi u ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghadha tigi assolta mit-talbiet in kwantu qed jsiru ghan-nom tal-imsemmija Susan Curmi.

3. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess lanqas ma jistghu jintlaqghu t-talbiet kif dedotti stante li l-mandat ta' sekwstru li sar riferenza ghalih fil-premessi ta' din il-kawza, u li fuqu qed jippernjaw it-talbiet taghhom l-atturi, u cioe' "is-sekwestru 124/2009" lanqas biss jezisti stante li m'hemm l-ebda mandat ta' sekwstru f'dan in-numru u anke jekk ghal kull buon fini ser jigi rintraccjat xi mandat ta' sekwestru 124/2009, dan certament m'huwiex bejn il-partijiet f'din il-kawza.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, u fil-mertu, m'huwiex minnu illi l-mandat li nhareg fil-konfront ta' Martin Curmi kien wiehed vessatorju u dan skond ma ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza, u konsegwentement lanqas ma jistghu jissussistu t-talbiet kif dedotti fil-konfront taghha.

5. U f'kull kaz jekk Martin Curmi, fl-2009 hass li l-mandat li kien inhareg kontrih kien wiehed vessatorju, allura r-rimedju tieghu kien li jiehu l-proceduri appoziti ghar-revoka tal-mandat meta nhareg dan il-mandat, jew tal-inqas fil-mori tal-proceduri li kienu qed jittiehdu fil-konfront tieghu, u mhux jibqa' sieket ghal hdax-il sena u imbaghad jippretendi li hu intitolat ghal xi danni. Illi jekk xejn, bil-fatt li l-attur baqa' jistenna l-ezitu tal-proceduri li kienu qed jigu decizi fil-konfront tieghu biex jiehu passi fuq dan il-mandat juri illi hu stess ma kienx konvnit li dan il-mandat kien vessatorju jew inutli, u li allura il-hrug ta' dak il-mandat kien f'lokhu.

6. Illi l-proceduri 795/2009 twalu daqstant anke minhabba l-intransigenza ta' Martin Curmi stess li jattendi ghas-seduti f'dawk il-proceduri jew li jattendi sabiex jkunu jistghu jsirulu l-kontroezamijiet, u ghalhekk certament li mhux f'lokhu li Martin Curmi jilmenta mill-konsegwenzi tal-fatt li l-mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront tieghu baqa' fis-sehh sakemm giet deciza l-kawza wara ghaxar snin. Jekk Martin Curmi ried li l-kawza tinqata' qabel, ma

messux hela l-hin tal-Qorti, il-Periti Teknici, u l-partijiet f'dik il-kawza, imbaghad jittanta jilmenta mill-konsegwenzi ta' dak li gara waqt li l-mandat ta' sekwestru kien ghadu in vigore.

7. Illi dwar it-tielet premessa tal-atturi, l-ulied tagghom m'humiex parti minn dawn il-proceduri u ghalhekk m'hemm l-ebda danni x'jigu likwidati fil-konfront taghhom.

8. Illi f'kull kaz, numru ta' terzi hargu mandati ta' sekwestru fil-konfront ta' Martin Curmi u ghalhekk l-istess Martin Curmi ghandu jgib il-prova liema danni qed jallega li sofra bil-hrug ta' liema mandat.

9. Illi s-socjeta' esponenti ma kkagunat l-ebda danni, jew danni konsegwenzajli, lill-atturi f'din il-kawza u konsegwentement m'hemm l-ebda danni x'jigu likwidati fil-konfront taghhom.

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, flimkien mal-atti proċesswali odjerni u l-atti proċesswali tar-rikors ġuramentat bin-numru 1148/2009 GM u tar-rikors ġuramentat bin-numru 795/2009 GMl

4. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li ġew preżentati;

5. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija kawża għar-riżarċiment ta' danni li l-atturi jgħidu li ġarrbu b'konsegwenza ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju li l-konvenuta għamlet fil-konfront tagħhom u ta' terzi b'rabta ma' pretensjoni ta' kreditu li hija kellha.

7. Fost l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, hemm dik tal-preskrizzjoni biennali taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Huwa xieraq li l-Qorti tqis din l-eċċezzjoni qabel tagħmel kwalsiasi indaġini ulterjuri dwar il-meritu tat-talbiet tal-atturi.

8. Il-fatti li huma rilevanti għad-determinazzjoni tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jistgħu jiġu riepilogati kif ġej:

i. Fl-24 ta' Lulju 2009, il-konvenuta kisbet il-ħruġ ta' mandat ta' sewkestru kawtelatorju bin-numru 1246/2009 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss bħala «il-Mandat») kontra l-attur u ieħor fl-ammont ta' €46,928[2];

ii. b'rikors tad-29 ta' Lulju 2009, l-attur talab ir-revoka tal-Mandat, liema talba ġiet miċħuda b'dikriet tas-27 t'Awwissu 2009[3];

iii. il-konvenuta iddeduċiet il-pretensjonijiet tagħha permezz ta' rikors ġuramentat bin-numru 795/2009 fl-ismijiet "C&F Building Contractors Limited vs. Carmel Ray Micallef u Martin Curmi". Din il-kawża ġiet deċiża b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 t'April 2019[4], li permezz tagħha astjeniet milli tieħu għarfien tat-talbiet tal-konvenuta (attriċi f'dik il-kawża) u l-attur (konvenut f'dik il-kawża) ġie meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju;

iv. minn din is-sentenza ma sar ebda appell[5];

v. l-attur xehed li b'konsegwenza tal-Mandat, huwa kellu jwaqqaf in-negozju tiegħu u jimpjega ruħu. L-inkwiet tal-Mandat qabbdu mard kroniku u ma setax ilaħħaq mal-ħlasijiet tas-self li kellu jagħmel, bil-konsegwenza li l-bank tiegħu fetaħlu kawża fl-2011 u weħel spejjeż u interessi kbar[6]. Jgħid ukoll li l-bank eżegwixxa kontra proprjetà tiegħu li nbiegħet bl-irkant u b'hekk huwa tilef mill-valur tagħha[7];

vi. il-Mandat tneħħa b'dikriet tat-12 ta' Marzu 2020 fuq talba tal-attur stess magħmula b'rikors tal-10 ta' Marzu 2020[8];

vii. fil-15 ta' Lulju 2020 saret din il-kawża.

9. Kif inhu magħruf, il-preskrizzjoni applikabbli għandha tiġi determinata skont in-natura tal-azzjoni. Fil-każ tagħna, l-azzjoni tal-atturi hija waħda għar-riżarċiment ta' danni li huma jgħidu li ġarrbu b'konsegwenza ta' mandat vessatorju li nħareġ fuq talba tal-konvenuta.

---

[2] Fol.380.
[3] Fol.87.
[4] Fol.67.
[5] Fol.408.
[6] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.54.
[7] Ara wkoll ix-xiehda bl-affidavit tal-attriċi, a fol.302.
[8] Fol.36.

10. Huwa awtorevolment ritenut li «*Agire in giudizio, tanto come attore, quanto come convenuto, è un diritto sacro. L'esercizio del proprio diritto può cagionare un danno: l'attore ed il convenuto sono tenuti a rivalerlo? Non si può applicare alle liti ciò che abbiamo detto della lesione di un diritto. Colui che spinge un'azione in giudizio e perde non lede il diritto del convenuto, tuttochè questi vinca la lite, perchè questo diritto era dubbio; e quindi non vi è diritto leso. Avviene lo stesso del convenuto che soccombe. Ma non basta che nessun diritto sia leso perche' l'autore del fatto dannoso sia al coverto dell'azione di danni-interessi, ma bisogna che altresi abbia usato in buona fede del suo diritto e senza cattiva intenzione*»[9].

11. L-eżerċizzju ta' dritt, bħala regola, ma jwassal qatt għall-ħtija. Dan kif jinsab sanċit fl-artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili. Huwa l-abbuż ta' dak id-dritt li jista' jnissel ħtija ċivili. Kif miżmum fil-kawża ***Ratan Mohnani vs. Carmelo Stivala*** (Appell Inferjuri, 11 ta' Ġunju 2010):

> Il-prova tat-temerarjeta tal-pretensjoni tal-konvenut fil-kawża l-oħra kienet tinkombi fuq l-attur, u biex tirnexxi t-talba tiegħu għad-danni minħabba dik ir-raġuni hu ħtieġlu jipprova li l-konvenut aġixxa in mala fede. Hekk, kif jinżel minn ġurisprudenza konkordi, filwaqt li hu ammess illi "è lecito al vincitore in una lite di esigere dal soccombente i danni" dan huwa hekk konċess "nella sola ipotesi quando il vincitore stesso è in grado di stabilire che il soccombente abbia litigato dolosamente per malizia o colposamente per grave negligenza" ("**Negte. Carmelo Delia -vs- Giovanni Xuereb**", Appell Ċivili, 9 ta' Mejju, 1932). Ġja infatti ngħad qabel din illi "colui che in buona fede credendosi in diritto prende i passi opportuni ai termini di legge contro un altro non è passibile di danni che questo ultimo viene in conseguenza a soffrire anche si vi rimane soccombente" ("**Barbara -vs- Fleri proprio et nomine**", Qorti tal-Kummerċ, 20 ta' Frar, 1931, konfermata in sede Appell fis-7 ta' Diċembru, 1931)

12. Il-fatt waħdu li min jitlob l-ispedizzjoni ta' att kawtelatorju in segwitu jissokkombi fil-kawża fil-meritu ma jfissirx li l-att kawtelatorju jkun inkiseb b'*mala fides* jew inkella b'mod vessatorju jew temerarju. Fid-deċiżjoni ***Negte. William Jameson Smith nomine vs. Capitan Simon Peter Krabbe proprio et nomine et*** (Appelli Kummerċjali, 24 ta'

[9] Laurent, Principii di Diritto Civile, Vol.XX, para.412.

Marzu 1873)[10] intqal li danni jiġu akkordati kontra min talab l-ispedizzjoni ta' mandat fejn jintwera li dan ikun aġixxa «*...con negligenza, imprudenza o disattenzione*». Kif ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Giuseppe Falzon vs. Carmelo Laferla***[11], «*E pertanto perchè la azione per i danni possa dirsi giuridicamente fondata è necessario che, indipendentemente dalla soccombenza, sia dimostrato e provato concludentemente che il contendente abbia danneggiato la parte avversa con un suo trasmodarsi nell'esercizio di un preteso suo diritto. La corte di appello, con detta sua pronuncia del 22 gennaio 1926*[12]*, nel ribadire i principi su enunciati, ha ritenuto che "non è in colpa chi credendo in buona fede di possedere un diritto ne chieda al Tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca. Perchè si verifichi in simili casi la colpa occorra che la pretensione si riveli priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto, per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posti a base della istanza e delle conseguenze giuridiche che ne derivano non è sufficiente a legittimare una domanda per danni per parte del vincitore nella lite"*».

13. Huwa riċevut fil-ġurisprudenza tagħna illi pretensjoni għar-riżarċiment ta' danni b'konsegwenza ta' azzjoni ġudizzjarja tintlaqat bil-preskrizzjoni biennali mogħtija taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-fatt ġie miżmum li l-preskrizzjoni maħsuba fl-artikolu 2153 «*…tapplika biss "ai danni aquiliani nascenti da cause che penalmente non fossero reati, ma pure sarebbero delitti civili o quasi-delitti, a differenza dell'articolo 1918 (il-lum 2259) che contempla la prescrizione dell'azione civile per il risarcimento di danni recati con reato" ... ... Għalhekk il-preskrizzjoni bijennali kontemplata fl-imsemmi art. 2258 ma tolqotx l-azzjoni għar-riżarċiment ta' danni kontrattwali, jiġifieri ta' dak id-dannu li fih jista' jirsolvi ruħu l-inadempiment ta' l-obbligazzjoni kontrattwali, iżda tolqot ir-riżarċiment tad-dannu "extra-kontrattwali" derivanti mill-"colpa aquilina", jiġifieri minn fatt illeċitu*» (***Emmanuele Cassar vs. Maria Ciappara***, Appell Superjuri, 2 ta' Marzu 1953)[13].

[10] Kollezz. Vol.VI.490.
[11] 15 ta' Mejju 1931.
[12] Ir-riferenza hawnhekk hija għad-deċiżjoni fl-ismijiet ***Maria Giuseppa Mugliett et vs. Avv. Dottor Giorgio Bezzina***.
[13] Kollezz. Vol.XXXVII.i.82.

14. Li l-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenuta hija tassew applikabbli għall-azzjoni tal-atturi lanqas ma huwa minnhom kontestat. Fil-fatt, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jikkumbattu din l-eċċezzjoni bis-sottomissjoni li huma ma setgħux jeżerċitaw l-azzjoni odjerna qabel ma ġiet deċiża l-kawża mressqa mill-konvenuta kontra tagħhom, u li dwarha sar il-Mandat. Huma jsostnu li l-pendenza ta' dik il-kawża kienet tikkostitwixxi mpediment legali u leġittimu għall-proponiment tal-azzjoni odjerna, b'mod li skont l-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, iż-żmien tal-preskrizzjoni ma bediex jgħaddi ħlief minn dakinhar li dik il-kawża inqatgħet.

15. L-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.

16. Fid-deċiżjoni ***Eleni Papadopoulou noe vs. Direttur Ġenerali ta' l-Artijiet u Reġistru Pubbliku et*** (Appell Superjuri, 31 ta' Jannar 2014) intqal kif ġej:

> L-atturi jgħidu li t-terminu ta' preskrizzjoni kien ġie sospiż sakemm ġiet deċiża l-kawża fuq il-validita` tal-kuntratt ta' trasferiment minn din il-Qorti fis-6 ta' Lulju, 2007. Il-liġi ma tipprovdix sospensjoni tat-terminu tal-preskrizzjoni minħabba dan l-allegat impediment, pero` id-duttrina u l-ġurisprudenza, in omaġġ għall-prinċipju Ruman *contra non volentem agere non currit prescriptio*, aċċettaw, f'ċerti ċirkostanzi limitatissimi, li jistgħu jeżistu ċirkostanzi li jissospendu l-mixja tat-terminu ta' preskrizzjoni. Waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi hija meta d-dritt tal-azzjoni jinħoloq f'kawża, b'mod li allura wieħed ikun fl-impossibbilita` li jaġixxi qabel ma tiġi deċiża dik il-kawża.
>
> Dan ma jfissirx, pero`, li meta sentenza sempliċement "tirriserva" dritt ta' azzjoni *si et quatenus*, bħal ma ġara f'dan il-każ, hi tkun qed "toħloq" xi dritt ta' azzjoni li ma kienx jeżisti qabel. Meta ssir riserva *si et quatenus*, kull ma jsir hu li l-Qorti tkun qed tirriserva lill-parti dritt ta' azzjoni jekk jezisti u jekk disponibbli, pero`, ma tkun qed tagħti ebda drittijiet ġodda lil dik il-parti jew b'xi mod tirriavviva dritt ta' azzjoni li jkun ġia` skada.

F'dan il-każ, id-dritt ta' azzjoni għad-danni konsegwenza tal-allegat aġir negliġenti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ma nħoloqx mid-deċiżjoni ta' din il-Qorti, iżda mill-allegat ommissjoni tad-Direttur. L-eżitu tas-sentenza fil-kawża l-oħra ma ħoloq ebda dritt ta' azzjoni konsegwenzjali favur l-istess atturi sabiex jipproċedu b'din l-azzjoni għar-riżarciment tad-danni, u kif osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Mohnani v. Galea**, deċiża fil-21 ta' April, 2009, b'kumment li jgħodd ukoll għal dan il-każ, "ma kien hemm xejn x'iżomm lill-atturi milli, imqar b'ittra uffiċjali, jwaqqfu kull darba l-mogħdija ta' dak iż-żmien". Fl-istess sens huwa l-kumment tal-istess Qorti fil-kawża **Chircop et v. Naudi et**, deċiża fid-29 ta' April, 2010, fejn ingħad illi "ma kien hemm xejn li kien jipprekludi lill-atturi milli jħarsu d-dritt ta' azzjoni tagħhom bla ma jistennew l-eżitu tal-kawża l-oħra" (ara wkoll **Vella v. Camilleri**, deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Novembru, 2003).

Il-pożizzjoni korretta ta' meta l-preskrizzjoni tiġi sospiża, ġiet iċċarata minn din il-Qorti fil-kawża **Xuereb v. Zammit**, deċiża fid-9 ta' Marzu 1994, fejn intqal hekk: "... ... ... *meta tkun sentenza tal-Qrati li toħloq id-dritt ta' azzjoni, isegwi, illi l-azzjoni ġudizzjarja tista' tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, wkoll, minn dik id-data tista' tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun sempliċiment dikjaratorja ta'x'kienet il-posizzjoni ġuridika korretta qabel beda l-proċediment, allura, huwa daqstant ieħor ċar li tali sentenza m'għandha ebda rilevanza la għal meta l-azzjoni tal-kreditur setgħet tiġi intavolata u konsegwentement, għad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni.*"

Il-preskrizzjoni tiġi sospiża meta sentenza "toħloq" dritt ta' azzjoni, u mhux sempliċement meta sentenza tiddikjara li jista' jkun hemm dritt ta' azzjoni naxxenti minn fatt li seħħ snin qabel. Kwindi, ma hux minnu, kif jissottomettu l-appellanti, li d-dritt tal-azzjoni "qam biss fid-data" tas-sentenza ta' din il-Qorti ta' Lulju, 2007. Id-dritt tal-azzjoni "twieled" f'Settembru 1998, u laħaq "miet" sa ma sar il-protest ġudizzjarju ta' Diċembru 2004, u ma setax u ma ġiex "rixxuxitat" bis-sentenza ta' din il-Qorti ta' Lulju 2007. It-terminu preskrittiv jibda jiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni setgħet titmexxa, u ċioe`, "minn dakinhar li s-soċjeta` attriċi setgħet tkun taf bl-inadempjenza" (**Mizzi v. Cauchi**, deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' Settembru, 2009), u f'dan il-każ jirriżulta li l-atturi kienu żgur jafu "bl-inadempjenza" meta ppreżentaw l-protest ġudizzjarju, fejn irriklemaw danni, f'Mejju tal-2001; li l-atturi ma segwewx il-materja b'diliġenza u ħallew jgħaddi ż-żmien preskrittiv, ma hu tort ta' ħadd ħlief tagħhom.

17. Il-kwistjoni għalhekk hija jekk id-dritt t'azzjoni tal-atturi inħoloqx permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti jew inkella kienx jeżisti qabel dik id-deċiżjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, jista' jingħad li azzjoni tinħoloq b'sentenza biss meta mingħajrha, ma kienx ikun possibbli li dik l-azzjoni tiġi eżerċitata. Biex wieħed jagħti eżempju konkret, l-azzjoni għal kummerċ ħażin taħt l-artikolu 316 tal-Att dwar il-Kumpaniji tista' tiġi eżerċitata biss wara ordni ta' stralċ minħabba insolvenza. F'dan is-sens għalhekk l-azzjoni tinneċessita l-ordni ta' stralċ u ma tistax tiġi eżerċitata qabel dak l-ordni. Fi kliem ieħor, l-assenza ta' ordni ta' stralċ huwa mpediment legali għall-eżerċizzju tal-azzjoni dwar kummerċ ħażin. Fejn l-azzjoni, min-naħa l-oħra, tista' tiġi eżerċitata u ma jeżisti ebda mpediment legali li jimpedixxi l-proponiment tagħha, mela ma jistax jingħad li l-azzjoni tkun għadha ma twelditx għal finijiet tal-artikolu 2137.

18. Il-kwistjoni mqanqla permezz tal-kawża odjerna diġà ġiet sollevata u deċiża quddiem dawn il-Qrati. Fid-deċiżjoni ***Francis Spiteri et vs. Charles Darmanin et*** (Appell Superjuri, 26 ta' Ġunju 2015), li kienet proprju titratta talba għad-danni kaġunati minħabba att kawtelatorju, ġie osservat hekk: «*F'dan il-każ, is-sentenza li tat il-Qorti fit-8 ta' Lulju, 2008, ma ħolqot ebda dritt għall-atturi preżenti, iżda ddikjarat dak li kien ovvju minn qabel, u cioe`, li l-konvenuti, allura atturi, ma setgħux ma kienux jafu li l-atturi, allura konvenuti, ma kienux responsabbli għall-ħsarat lamentati. Jekk kellha tkun ovvja għall-attwali konvenuti li l-azzjoni tagħhom kienet frivola u vessatorja, daqshekk kellha tkun ovvja għall-atturi preżenti, li kellhom, allura, jikkawtelaw il-pretenzjoni tagħhom għad-danni, imqar bi spedizzjoni ta' ittra uffiċjali interpellatorja kull sentejn*». L-istess konklużjoni ġiet milħuqa fid-deċiżjoni ***Maria Concetta sive Mari Shires pro et noe vs. Joseph Bonello et*** (Appell Superjuri, 29 t'Ottubru 2019) u fid-deċiżjoni ***Vincent Abela vs. Alfred Borg pro et noe*** (Prim'Awla, 1 ta' Novembru 2017).

19. Il-ġurisprudenza għalhekk qieset illi l-jedd t'azzjoni ta' min jgħid li ġarrab id-danni b'konsegwenza tal-ispedizzjoni ta' att kawtelatorju titwieled minnufih mal-ispedizzjoni ta' dak l-att, u mhux mad-definizzjoni tal-pretensjoni li għall-kawtela tagħha jkun inħareġ l-istess att. U din il-konklużjoni hija suffragata mil-liġi stess, tant li fl-artikolu 836(9) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-jedd tal-parti li ġġarrab l-att kawtelatorju għar-riżarċiment tad-danni huwa espressament mil-liġi magħruf fil-

kuntest taż-żmien li matulu l-kawża li biha tkun ġiet dedotta l-pretensjoni kawtelata tkun għadha pendenti.

20. Anki x-xiehda tal-atturi tkompli ssaħħaħ din il-konklużjoni stess. Fil-fatt, l-atturi jgħidu li d-danni li huma ġarrbu ġew mill-fatt li l-attur safa paralizzat finanzjarjament bl-effetti tal-Mandat ; effetti li allura skattaw minnufih mal-ispedizzjoni tiegħu. Dan ifisser li l-fatt dannuż jikkonsisti proprju mill-Mandat innifsu, u ġie konsumat mal-ispedizzjoni tal-Mandat, lura f'Lulju tas-sena elfejn u disgħa. L-azzjoni odjerni hija għad-danni, u għalhekk kellha tiġi proposta minn meta avvera ruħu dak id-dannu (ara f'dan is-sens ***Giovanni Schembri vs. Michele Mizzi***, Prim'Awla, 22 ta' Novembru 1934[14]; ***Carmela Dalli vs. Monomark Developments Ltd***, Appell Inferjuri, 13 ta' Marzu 2009).

21. Xejn ma kien iżomm lill-atturi milli jressqu l-ittri uffiċċjali jew l-atti ġudizzjarji opportuni biex jinterrompu l-preskrizzjoni u b'hekk jikkonservaw id-dritt t'azzjoni tagħhom. Hekk ukoll xejn ma żamm l-atturi milli jressqu l-azzjoni tagħhom qabel, u ċjoè anki waqt il-pendenza tal-kawża bin-numru 795/2009. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk jirriżulta li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija fondata, u għalhekk qed tiġi milqugħa.

22. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

    i. tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta dwar il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, u
    ii. konsegwentement qiegħda tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur

---

[14] Kollezz. Vol.XXIX.ii.103.